MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 209/2003

**Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 326 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**Vs**

**SALVO AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SALVO AZZOPARDI** ta' disgha w erbghin sena, bin Pual u Carmela nee Farrugia, imwieled Santa Venera nhar d-disgha ta' Dicembru 1953 u residenti 'Shalom Flats', Flat 2, Triq l-Akwadott, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita` numru 856753M, gie mressaq

quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tmintax ta' Ottubru 2001 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Shalom Flats', Flat 2, Triq l-Akwadott, B'Kara,  bhala d-detentur tal-imsemmi fond, jew bhala l-persuna li kellu f[idejh l-imsemmi fond, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, kkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Talli fl-istess data, hin, zmien, lok u cirkostanzi voluntarjament ghamel hsara jew kisser xi parti mill-arlogg tal-elettriku jew xi parti minn xi apparat uzat fil-provvista tal-elettriku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Frar 2003 esibit fl-atti a fol 5 markat bhala dokument CSH 1.

Rat l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2001 esibit a fol 9 et seq tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod volunatarju u dan fis-seduta tat-tnejn ta' Gunju 2003 u dan wara li kien iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2003.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni giet infurmata minn rappresentant tal-Enemalta li waqt li kienet qed issir spezzjoni fil-fond 'Shalom Flats', Flat 2, Triq l-Akwadott, B'Kara indunaw li l-arlogg tad-dawl kien imbaghbas peress li kellu zewg sigilli, il-cover kien jiccaqlaq u kien hemm brix mal-arlogg hdejn

ix-xifer u l-istess kien imkisser. Mill-istharrig li ghamlet il-Prosekuzzjoni, il-meter kien registrat f'isem l-imputat.

Illi **Raymond Bugeja u Mario Cassar rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta kkonfermaw** li huma sabu l-meter fil-kundizzjoni deskritta mill-Ispettur fix-xhieda tieghu, pero ziedu jghidu li kien hemm xi trab fil-meter u deher mahruq.
**Sivlio Decelis xehed ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta** u spjiea li l-imputat ghandu jaghti lil Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' tlett mija sitta w disghin lira maltin u tmienja w ghoxrin centezmu ghalkemm diga hallas s-simms ta' mitejn u hamsin lira maltin bhala depozitu fil-jum tal-ispezzjoni.

Illi minn ezami tal-inkjesta esibita u appuntu mix-xhieda tar-rappresentant tal-Enemalta jirrizulta li l-ispezzjoni fil-fond ma saritx bhala sorpriza izda saret fuq talba tal-impuat.

Minn ezami li sar mill-espert tekniku fuq dan il-meter jirrizulta fil-fehma tieghu, li dan il-meter setgha ixxortja peress li kellu sinjali ta' hruq tant li anke l-plastic deher imdewweb.

Illi pero jirrizulta wkoll li kien hemm tbaghbis fil-meter wkoll ghaliex meta inhatt il-cover minn postu, fuq ix-xifer tal-cover tal-meter tan-naha ta isfel fuq ix-xellug tal-meter kien hemm tbaghbis. Kien hemm bicca mikula twila xi pulzier u ghalhekk setgha facilment jidhol xi tertuqa jew oggett iehor. Din kienet taht d-diska. Id-diska kellha grif fil-parti ta' taht taghha, fejn kien hemm il-bicca mikula indikattiva ta' dhul mhux permess.

Illi l-imputat xehed fl-inkjesta u dan wara li nghata t-twissija skond l-ligi u minn ezami tax-xhieda tieghu moghtija a tempo vergine tal-investigazzjoni jirrizulta li l-meter in kwistjoni gie nstallat fil-fond f'ismu mill-ewwel. Qal li huwa ma baghbasx fil-meter pero jaf li l-electrician li kellu u li qabbad, certu Charlie, li llum mejjet, kien qallu li rrangalu l-meter biex ikun jista jdahhal it-tertuqa u ma jinhelix dawl u dan meta nstallah ghaxar snin ilu. Huwa

kien jaf dwar dan it-tbaghbis pero bezagha jirrapportah. Illi wara ma setghax jkompli jghix b'dawn il-hsibijiet u dehrlu li kellu jirrapporta lil Pulizija.

Illi **meta l-imputat xehed il-Qorti viva voce nhar t-tnejn ta' Gunju 2003,** ma semma xejn dwar dak li allegatament kien qallu l-electrician Charlie. Anzi qal li meta f'Awissu 2001, kien qed jwahhal *air conditioner* fil-fond beda jisma hoss fil-meter u meta l-*electrician* nizel jivverifikah, sab li l-meter kien *overloaded* u allegatament qallu biex ma jqabbadx hafna appliances f'daqqa. Fix-xahar ta' Ottubru, xahrejn wara beda jzomm riha u cempel lil Enemalta.
Mistoqsi jekk qattx baghbas fil-meter, l-imputat qal li le u fil-fatt lanqas qabbad lil xi hadd jbaghbas u kollox gie bhala sorpriza u ma kienx f'posizzjoni li jghid xejn dwar il-brix fuq id-diska.

Il-Qorti semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2003 u appuntu lid-Difiza tispjiega l-presunzjoni *juris tantum* li tezisti fil-ligi fl-artikolu 264(2).

Rat wkoll is-sentenzi li ghamlet referenza ghalihom l-istess Difiza dwar dan il-punt.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha tiddefinixxi u tikkjarifika dak li jiddisponi l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputati jkunu d-detenturi jew il-persuni li jkollhom f'idejhom l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputati li allura jkollhom jippruvaw huma li ma kienux jafu jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti. [vide **Il-Pulizija v Michael Attard** ***deciza nhar t-tnax ta' Frar 1993,*** **Il-Pulizija v Anthony** ***Lanzon deciza nhar t-tnejn ta' Settembru 1998 it-tnejn mill-Qorti tal-Appell Kriminali***.]

Illi l-Qorti ghalhekk tirrileva li f'kaz li l-Prosekuzzjoni tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa, ghalhekk imbaghad jispetta lil imputat jipprova li ma kienx jaf bl-uzu taghhom. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova biss l-mezzi qarrieqa idoneji biex isir l-uzu u konsum illegali tad-dawl.

Din il-prova f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ghamlitha minghajr ebda dubbju, lanqas wiehed regjonevoli u ghalhekk l-oneru tal-prova kuntrarja gie spustjat ghal fuq l-imputat sabiex juri b'mod verosimili u sufficjentement konvincenti li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma dan t-tbaghbis fil-meter. Dan l-artikolu jistabilixxi presunzjoni legali li l-imputat, minhabba dawk il-mezzi qarrieqa li nstabu fil-meter installat fil-fond tieghu, kien jaf jew messu ragjonevolment kien jaf bl-uzu jew konsum illegali tad-dawl f'dak il-fond.

Issa mix-xhieda tal-imputat stess moghtija fl-inkjesta, jirrizulta li l-imputat kien jaf bit-tbaghbis li sar fil-meter tieghu allegatament minn l-*electrician* Charlie ghaxar snin ilu pero ghogbu ma jirrappurtax u ghamel hekk biss meta

kellu *short* fil-meter minhabba *overloading* li kellu wara li nstalla l-*air conditioner* u l-meter inharaq.

Illi l-imputat ma dehrlux fix-xhieda li ta viva voce l-Qorti, li kellu jaghmel referenza ghax-xhieda li ta fl-inkjesta u jispjiega d-divergenza bejnha u bejn ix-xhieda li ta viva voce il-Qorti u ghalhekk a bazi tal-istess konflitt ta' xhieda l-Qorti ma thossx li huwa irnexxielu jgheleb din il-presunzjoni ta' dolo *juris tantum*.

Il-Qorti hija konvinta mill-konoxxxenza li kellu l-imputat dwar dan l-istat ta' illegalita.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-fedina penali indellibbli tieghu esibita fl-atti u qiset il-fatt li l-imputat ghandu debitu mal-Korporazzjoni Enemalta biss fis-somma ta' tlieta w sebghin lira maltin kif stqarr Silvio Decelis nhar t-tnejn ta' Gunju 2003, fic-cirkostanzi thoss li l-piena idoneja hija dik ta' *unconditional discharge* u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li qed tillibera lil imputat SALVU AZZOPARDI ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------